**Qorti Ċivili - Prim' Awla**

**Imħallef**

**Onor. Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 27 ta' Frar, 2025**

**Kawża Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 217/2022 JVC**

**Andrew Briffa (ID 354958M)**

**Vs.**

**Nazzareno Cachia u Gordon Cachia**

**IL-QORTI,**

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent Andrew Briffa li permezz tiegħu talab kif isegwi:

‘Dikjarazzjoni dwar l-oġġett tal-kawża

1. Illi, l-esponenti jikri u għandu pussess ta’ raba fl-inħawi magħrufa bħala ‘Tax-Xewki’, iż-Żurrieq, liema raba’ jinsab imdawwar bil-kulur isfar fil-pjanti hawn annessi bħala Dok. AB 1 u 2.

Raġuni tat-Talba

2. Illi, l-imsemmi raba għandu dħul minn tliet (3) bnadi differenti.

3. Illi, fit-22 ta’ Jannar 2022, il-konvenuti jew min minnhom biddlu l-katnazzi ta’ żewġ (2) xatbiet, kif ukoll kissru s-sokor ta’ bieba oħra, u dan billi tqaċċtilha parti mill-mekkaniżmu li bih tissakkar.

4. Illi, dan sar mingħajr ebda kunsens tal-esponent, u meta l-istess esponent ipprova jikkonvinċi lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ineħħu kull ostaklu li kienu għamlu u jerġgħu jagħtu aċċess lill-esponent għall fond inkwistjoni, baqa’ ma’ sar xejn min-naħa tal-konvenuti.

5. Illi l-aġir tal-konvenuti jew min minnhom huwa wieħed abbużiv u illegali u jammonta ghal spoll fit-termini ta’ dak li jgħid l-Artikolu 535 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talba

Għaldaqstant, l-esponent għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed bil-qima jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-aġir suddett tal-konvenuti jew min minnhom jammonta ghal spoll *di fronte* ta’ l-attur, u dan

fit-termini ta' l-Artikolu 535 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom sabiex taħt id-direzzjoni tal-periti nominandi jirrispristinaw ghall-istatus *quo ante* l-katnazzi u sokor taż-żewġ (2) xatbiet u bieba tal-fuq imsemmija raba, b'mod illi kollox jerga' għal li kien u dan billi fost oħrajn ineħħu kull katnazz li għamlu, u jirripristinaw is-sokor ta' kull xatba u bieba b'tali mod illi l-attur ikun jista' jkollu aċċess ghall-fond imsemmi.

3. Fin-nuqqas li l-konvenuti jew min minnhom jagħmlu dan, l-istess attur jiġi awtorizzat jagħmel dawk ix-xogħolijiet kollha neċessarji ghall-iskop tat-tieni talba u dan a spejjez tal-istess konvenuti jew min minnhom; u

4. Fl-eventwalita' li l-istess attur ikollu jagħmel ix-xogħolijiet hu, l-istess konvenuti jew min minnhom jiġu kkundannata jħallsu l-ispejjeż kollha li jinkorru u dan wara li jiġu ċċertifikati mill-perit li jiġi nominat mill-Qorti biex jissorvelja x-xogħlijiet.

Bl-ispejjeż u bil-konvenuti minn issa ngunti in subbizzjoni.

B'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-esponent, inkluża dik ghal danni sofferti bl-aġir tal-konvenuti jew min minnhom.

Dikjarazzjoni ta' l-attur

Bil-qima jgħid u jaħlef:

1. Illi, jien nikri u għandi pussess ta' raba fl-inħawi magħrufa bħala 'Tax-Xewki', iż-Żurrieq, liema raba' jinsab imdawwar bil-kulur isfar fil-pjanti hawn annessi bħala Dok. AB 1 u 2.

2. Illi, l-imsemmi raba għandu dħul minn tliet (3) bnadi differenti.

3. Illi, fit-22 ta' Jannar 2022, il-konvenuti jew min minnhom biddlu l-katnazzi ta' żewġ (2) xatbiet, kif ukoll kissru s-sokor ta' bieba oħra, u dan billi tqaċċtilha parti mill-mekkaniżmu li bih tissakkar.

4. Illi, dan sar mingħajr ebda kunsens tiegħi, u meta ppruvajt nikkonvinċi lill-konvenut Nazzareno Cachia sabiex ineħħi kull ostaklu li kien sar u jerga' jagħtina aċċess ghall-fond in kwistjoni, baqa' ma sar xejn min-naħa tal-konvenuti.

5. Illi, l-aġir tal-konvenuti jew minn minnhom huwa wieħed abbużiv u illegali u jammonta ghal spoll fit-termini ta' dak li jgħid l-Artikolu 535 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi, jien naf b'dawn il-fatti personalment.

7. Illi, għalhekk kellha ssir din il-kawża.'

Rat ir-risposta maħlufa tal-intimati Nazzareno Cachia u Gordon Cachia li taqra kif isegwi:

1. 'Illi, t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqshekk jixirqilhom li jiġu miċħuda *in toto* għar-raġunijiet li ġejjin;

2. Illi, rekwiżiti tal-azzjoni u l-eżerċizzju tagħha statutorjament kodifikati ai termini taċ-ċitat Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu XVI tal-Ligijiet ta' Malta jitolbu**,** **[i]** qabel xejn il-pussess ta' ħaġa minn persuna, **[ii]** persuna oħra li bil-vjolenza jew bil-moħbi tnezza' lil dak il-pussessur mill-imsemmi pussess tal-ħaġa, u **[iii]** l-eżerċizzju tal-imsemmija azzjoni mill-persuna mnezza' mill-pussess fi żmien xahrejn minn dakinhar tat-twettiq tal-att spoljattiv;

3. Illi, qabel xejn, jekk tassew ir-Rikorrent kellu l-pussess tal-imsemmi raba', ma kienux l-intimati jew min minnhom li zvestewh mill-allegat pussess, għax lanqas huma ma kellhom, fiż-żmien li saret il-kawża, il-pussess tal-imsemmi raba' u għalhekk jeċepixxu l-intimati illi ma humiex il-leġittimi kontraditturi f'dawn il-proċeduri;

4. Illi, in oltre, mingħajr preġudizzju għas-suespost, bis-saħħa ta' skrittura ffirmata nhar it-8 ta' April tas-sena 2022 bejn l-intimat Nazzareno Cachia min-naħa l-waħda, u ċertu Edward Cassar min-naħa l-oħra, dan tal-aħħar Edward Cassar iddikjara illi kellu l-pussess tal-imsemmi raba' li jinsab fl-inħawi magħrufin bħala Tax-Xwieki, u wkoll Tal-Galoppa, iż-Żurrieq u fl-imsemmi raba' kien żera xtieli li dakinhar tal-iskrittura kienet lesta biex tinqala'- jirrizulta għalhekk illi r-Rikorrent ma kellux il-pussess tal-imsemmi raba' hu u ghal din ir-raġuni biss, l-azzjoni minnu interposta ma tissodisfax ir-rekwiżit [i]tal-pussess tal-ħaga;

5. Illi, oltre dan, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk tassew ir-Rikorrent kellu l-pussess tal-imsemmi raba', l-izvestiment tal-allegat pussess ma sarx bil-vjolenza jew bil-moħbi u ghal din ir-raġuni biss, ukoll, l-azzjoni minnu interposta ma tissodisfax ir-rekwiżit [ii] tat-tnezzigh mill-pussess b'att spoljattiv;

6. Illi, oltre dan, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk tassew ir-Rikorrent kellu l-pussess tal-imsemmi raba', l-izvestiment li ċertament ma jaħtux għalih l-intimati, sew b'kawża ta'att spoljattiv jew xort'oħra, ilu li seħħ 'l fuq minn xahrejn qabel intavolament tar-rikors maħluf promotur u għal din ir-raġuni biss, ukoll, l-azzjoni minnu interposta ma tissodisfax ir-rekwiżiti [iii] tal-eżerċizzju tal-azzjoni fi żmien xahrejn minn dakinhar li seħħ l-att spoljattiv;

7. Illi, oltre dan, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jgħid ir-Rikorrent fir-rikors maħluf promotur tiegħu, illi l-imsemmi raba' għandu aċċess minn tliet lokien, tnejn minnhom minn xtiebi li, jgħid ir-Rikorrent, inbidlulhom il-katnazzi, u t-tielet minn bieb l-mekkaniżmu tiegħu għas-sokor tqaċċat in parti-isegwi għaldaqshekk li la darba dan it-tielet aċċess huwa ezercitat minn bieb li ma jistax jissakkar, l-imsemmi raba' huwa tassew aċċessibbli ghar-Rikorrent;

8. Illi għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija li jintraċċaw is-sisien tagħhom fid-dritt miktub u l-insenjamenti studjati tal-Qrati tagħna, jirrizulta tabilħaqq illi l-azzjoni interposta ai termini taċ-ċitat Artikolu 535 tal-Kap. XVI ma hijiex ġuridikament

idojena stante li r-rekwiżiti tassativi ghall-akkoljiment tagħha ma jissussistux;

Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatti u dritt kif hawn fuq edotti, iwieġbu l-intimati għar-rikors maħluf promotur tar-Rikorrent illi huma tal-umli fehma li t-talbiet hemm minnu dedotti ma jistgħux jintlaqgħu u din il-Qorti għandha għalhekk tgħaddi sabiex tiċħadhom *in toto*.

Bl-ispejjeż.'

Rat l-affidavits, xiehda, pjanti, dokumenti u l-provi kollha mressqa u esebiti fl-atti;

Rat, illi fil-verbal datat 20 ta' Frar, 2024 ir-rikors ġie differit ghal-lum għad-deċiżjoni bil-fakultà tal-partijiet li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom.

Rat, is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat, l-atti kollha tal-kawża.

**<u>Fatti fil-qosor:</u>**

Illi, l-kawża odjerna tikkonsisti f'kawża ta' allegat spoll, vjolenti u klandestin fejn skond ir-rikorrenti, l-intimati (jew min minnhom) allegatament nhar it-22 ta' Jannar 2022 biddlu l-katnazzi ta' żewġ (2) xatbiet, kif ukoll kissru s-sokor ta' bieba oħra u dan billi tqaċċtilha parti mill-mekkaniżmu li bih tissakkar, liema xatbiet jagħtu aċċess għar-raba fl-inħawi magħrufa bħala *'Tax-Xewki'* li

jinsabu fiż-Żurrieq (Malta) immarkata fuq il-pjanta a fol. 5 tal-process.

Illi l-intimati jeċċepixxu li r-rikors tar-rikorrenti ma jistax jirnexxi stante li l-elementi u rekwiżiti sabiex din il-proċedura possessorja kif kontemplata fl-artikolu 535 tal- Kodiċi Ċivili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tkun ta` suċċess ma jissussistux primarjament stante li l-imsemmija raba` kienet fil-pussess ta` terza persuna u mhux tar-rikorrenti, jiċħdu wkoll li seħħew da parti tagħhom xi atti spoljattivi u jostnu wkoll li huwa nieqes l-element tal-*infra bimestre deduxisse.* Ulterjorment jeċċepixxu li t-talbiet tar rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa nieqes l-element tal-pussess fl-istess rikorrenti.

**<u>Ikkunsidrat il-bażi legali ta` actio spolii:</u>**

Illi, l-elementi fil-kawża ta' spoll jirriżultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodiċi Ċivili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

> *'Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mnezzgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tiġi mqiegħda f' dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.'*

Illi, skont l-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni ta' spoll vjolenti għandha bħala elementi kostituttivi tagħha tlett fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi żmien xahrejn qabel

ma ġiet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

Illi, dawn il-prinċipji ġew ribaditi f'diversi sentenzi fosthom ***Margherita Fenech vs Pawlu Zammit*** (12-4-1958, Vol.XLII D.11.973); ***Caterina armla Galea vs Joseph Vella*** (23-6-1965 per Onor. Eduardo Magri) u f' ***Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef*** (30-4-1991 JSP).

Illi, l-*actio spolii* hija radikata fuq l-esiġenza ta' utilità soċjali, intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat milli jieħu l-ġustizzja f'idejh, b'dan li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni għandha l-iskop li tassigura li jiġi ripristinat l-ordni soċjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tiġi qabel xejn reintegrata fil-pussess tagħha: *Spoliatur ante omnia restituendum*.

Illi, l-artikolu tal-liġi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorità privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalih, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi, huwa magħruf ukoll li f'kawżi simili, l-indaġni tal-Qorti għandha tkun limitata sew. Fil-kawża fl-ismijiet ***Delia vs Schembri*** (deċiża mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

> *'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun, li jiġi vjolentement jew okkultament meħud mingħand il-pussessur jew detentur, u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika*

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

*wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorità privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti.'*

Illi, fi kliem il-Pacifici Mazzoni spoll vjolenti huwa:

*'qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato'.*[2]

Illi, fil-kawża ***Margherita Fenech vs Pawla Zammit*** (deċiża fit-12 ta' April 1958) jingħad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilità soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll ġie ritenut:

*'Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġni li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tgħid illi għalhekk indaginijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huma għal kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna'*(***Carlo sive Charles Cardona et. vs Francesco Tabone***, Appell Ċivili, deċiżi fid-9 ta' Marzu 1992).

[2] (Vol III Sez. 52).

Konformament, ġie ritenut għar-rigward tal-element tal-pussess li:

> '*All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione'*.[3]

Illi, l-pussess li tirrikjedi l-liġi fl-ispoljat għall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess '*materiale*' u '*di fatto*[4]'*:*

Spoll vjolent u abbużiv:

> *'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[5] u *'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[6]

Illi, għalhekk pussess kwalunkwe, anki purament materjali u *di fatto*, anche qasir ħafna u saħansitra momentarju huwa sufficjenti, basta' jkun univoku u ma jkunx bażat fuq mera tolleranza.[7]

Illi, dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawża deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi*** deċiża nhar il-11 ta' Jannar, 2013 iddikjarat kif isegwi:

> *'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif ġie deċiż kemm-il darba, għandu jiġi pruvat mill-attur. Ir-rekwiżit li l-azzjoni ta' spoll għandha ssir fi żmien xahrejn mill-allegat spoll huwa*

---

[3] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*
[4] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*
[5] *Ara Vol.XLI.II.1133.*
[6] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49*.

[7] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

*rekwiżit essenzjali li joħroġ mill-artikolu tal-liġi stess u l-ġudikant għandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eċċezzjonijiet jew le.'*

Illi, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (kif diversament preseduta) f'kawża fl-ismijiet ***Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar***, (deċiża nhar it-13 ta` Frar 2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jiġix provat li l-azzjoni saret fi żmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileġġjat ma tistax treġġi."*

Illi, aktar specifikatament f'kawża fl-ismijiet ***Georgina Borg v. Errol Cassar et*** (deċiża nhar il-21 ta` Ottubru 2002) l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (kif diversament preseduta) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma ġiex formalment eċċepit, kif normalment u guridikament wieħed kien jistenna in bażi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tiegħu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jeħtieġ li jiġi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull każ ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teċċepixxi bħal dan il-każ il-preskrizzjoni tagħha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* [8]

Illi, darba l-elementi rikjesti ġew elenkati, din l-Qorti ser tagħrbel

---

[8] *MichelAngelo Fenech nomine vs. Alfred Camilleri* - Prim' Awla, Qorti Ċivili, per Imħallef Said Pullicino, deċiża nhar it-22 ta' Frar 1992).

il-provi prodotti sabiex tikkunsidra jekk jinkwadrawx f`dawn il-prinċipji li ġew ribaditi f'diversi sentenzi tal-Qrati nostrana.

**Ikkunsidrat il-fatti:**

Illi, fl-affidavit tiegħu ir-rikorrent **Andrew Briffa** (a fol. 18 tal-proċess) jixhed li għandu raba` mikrija lilu (liema raba` kienet mikrija lil missieru) li tinsab fi Triq il-Wardija, fiż-Żurrieq Malta (pjanta a fol. 5 tal-process). Jispjega kif f'mument minnhom il-ħlas tal-qbiela ma bediex ikun aċċettat w'għalhekk beda jiddepożitah permezz ta' ċedoli taħt l-awtorità tal-Qorti. In kontro-eżami jelabora aktar u jispjega kif ir-raba' in deżamina għanda tliet postijiet differenti sabiex tista' tiġi aċċessata u cioe' żewg xatbiet kbar li jingħalqu b'katnazz u biex li jingħalaq b'mekkaniżmu li sabiex jitħaddem hemm bżonn li jkun hemm biċċa fildiferru mwaħħla miegħu, b'dan il-fildiferru s-sokor ikun jista' jiġi miġbud biex jinfetaħjew jingħalaq.

Fl-affidavit ikompli billi jistqarr li Nazzareno (il-missier), Ryan u Gordon (l-ulied) ilkoll Cachia f`Jannar tas-sena 2021 kienu qalulu sabiex joħroġ il-barra mir-raba`. Ikompli billi jispjega li madwar sena wara nhar it-22 ta` Jannar tas-sena 2022 hu kien mar jiftaħ ir-raba` lil ċertu Edward (Cassar) sabiex jimborga il-patata u ma sab xejn differenti fil-mod kif kienu jinfethu u jissakkru ix-xatbiet u l-bieba. Jixhed li fil-ħamsa ta' filgħaxija huwa kien irċieva telefonata mingħand Gordon Cachia fejn staqsa jekk l-għalqa kienx krija lil terzi. Wara ftit kien ikkomunika miegħu ukoll Nazzareno Cachia fejn kien staqsa l-istess. Jistqarr li kien ċertu konoxxent tieħu Michael Farrugia li kien ra lil Gordon Cachia jaqla' l-katnazz l-antik ta` waħda mix-xatbiet. Jkompli billi jixhed li dakinhar stess mar l-

għassa tal-Pulizija fejn kien akkumpanjat minn Michael Farrugia. Wara mar ħdejn ir-raba' in kwistjoni fejn kien hemm Gordon Cachia u jispjega kif għalkemm  il-katnazzi l-antiki kien għadhom hemm (u li ghalihom kellhom iċ-ċwievet kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimat) huwa ra wkoll li kien hemm katnazz ġdid magħhom u dan b'referenza għax-xatbiet il-kbar. Iżid ukoll illi aktar tard meta reġa' mar fuq il-post  sab li kienu tneħħew il-katnazzi l-antiki u tħallew il-katnazzi l-ġodda maż-żewġ xatbiet u li kien ukoll tkisser is-sokor tal-bieba (liema bieba kif gia suespost kienet tissakkar b`mekkaniżmu tal-fildiferru). Jikkonkludi billi jikkonferma li permezz ta` kwerela kien talab l-Pulizija sabiex jipproċedu kontra l-intimati ai termini tal-liġi.

Ir-rikorrenti xehed ukoll in kontro-eżami a fol. 89 *et seq* u 148 *et seq* tal-proċess. Huwa jixhed li r-raba' in kwistjoni għanda tliet fetħiet għat-triq, tnejn jissakkru bil-katnazz u waħda minnhom b`mekkaniżmu tal-fildiferru. Jispjega li l-mekkaniżmu tal-fidiferru kien fuq serratura ta` garaxx u seta' jinfetaħ minn kulħadd. Stqarr li l-katnazzi kienu mija fil-mija nbidlu għaliex kienu jidhru li huma differenti u ma setax jiftaħhom għax ma kellux ċavetta iżda ikkonferma li ma ppruvax jiftaħ il-katnazzi. Dwar il-mekkaniżmu tal-fildiferru fuq serratura ta` garaxx ikkonferma li din kienet tneħħiet minn Ryan (it-tifel ta` Nazzareno Cauchi) u li kien rah hu stess u mhux minn Nazzareno jew Gordon.  Ikkonferma li hu ma rax lil min biddel il-katnazzi l-oħra taż-żewġ xatbiet. Huwa stqarr li lill Edward Cassar kien iqabbdu biex jgħinu fir-raba għaliex hu ma għandux *tractor* biex jiżra u lanqas biex jaqla il-patata. Mistoqsi sabiex jikkonferma jekk ir-raba' kienitx għand Edward Cassar hu irrisponda fin-negattiv. Mistoqsi dwar il-pussess jixhed kif isegwi:

**'Dr Luka Durovic:** *Jiġifieri fit-tnejn u għoxrin, wara t-tnejn u għoxrin ta'Jannar. Li qed nipprova nifhem hu Sinjur għax il-kawża hija biex Tifhimni int, il-kawża hija illi int qed tgħid lis-sinjuri Cachia hadulek il-pussess tar-raba'*

**Xhud:** *Le m'ghidtx li haduli l-pussess. Qaċċtu l-katnazzi iva. M'ghidtx li keċċewni li ma bqajtx nahdimha imma. Xorta hdimniha l-għalqa sa l-lum ghadni nahdimha.*

**Dr Luka Durovic:** *Għadek tahdimha*

**Xhud:** *Eh mela hi.*

*[omissis]*

**Dr Luka Durovic:** *Però inti fl-ebda waqt ma hadulek il-pussess tal-għalqa minn idejk*

**Xhud:** *Le fil-fatt tara l-ewwel insejtha. Ġie s-Surġent insejt x'jismu jew in-numru, kelli numru tiegħu imma tliftu. Ftehmna li haj nehhihom il-katnazzi u baqa' baqa' ma nehhihomx. Kull filgħodu mmur l-għassa u jgħidu lis-surġent mhux hawn u jkun hawn għada, jkun hawn għada.*

*[omissis]*

**Dr Luka Durovic:** *Igifieri baqghet f'idejk*

**Xhud:** *Il-patota nqalghet fil-fatt. Qal Dwardu lil-patota ngabret*

**Imhallef:** *Imma trid tghid iva jew le*

**Xhud:** *Iva hija iva*

*[omissis]*

**Dr Claudio Zammit:** *Ri-ezami fil-qosor. Ara Sur Briffa biex inkunu cari fejn kien hemm zewg xatbiet bil-katnazzi wara t-tnejn u ghoxrin ta' Janar elfejn tnejn u ghoxrin minn go dawk ix-xatbiet bil-katnazzi kif inbidlu inti stajt tghaddi?*

**Xhud:** *Le*

Rat ukoll ix-xhieda ta' **Michael Farrugia** fl-affidavit tiegħu (a fol. 42 tal-proċess) fejn jixhed illi nhar it-22 ta` Jannar tas-sena 2022 filgħaxija kien għaddej minn ħdejn ir-raba` mikrija lil Andrew Briffa u li x`ħin kien eżatt viċin ix-xatba l-kbira ra lil Gordon Cachia qed jaqla katnazz li kien hemm max-xatba. Jistqarr li huma skambjaw xi kelmtejn u għalhekk sar rapport l-għassa minn Gordon Cachia fil-konfront ta' Michael Farrugia. Ikompli jgħid li wara kien mar fuq il-post ma Andrew Briffa fejn raw li fejn kien hemm katnazz antik kien mibdul ma' katnazz ġdid. Jixhed li kien mar l-għassa ma' Andrew Briffa sabiex jagħmlu rapport, iżda min kien hemm qalilhom li ma kienx hemm pulizija sabiex imorru fuq il-post. Jaghlaq ix-xhieda tiegħu billi jsostni li Andrew Briffa ma kellux ċwievet għal katnazz il-ġdid u di piu jistqarr li l-bieba l-oħra kien tkissrilha s-sokor li kellha tal-fidiferru.

Michael Farrugia xehed in kontro-eżami a fol. 109 *et seq* tal-proċess fejn stqarr li lil Andrew Briffa kien jafu minn meta kienu żgħir għaliex trabba miegħu. Farrugia jikonferma li joqgħod ma ġenb l-għalqa li hemm imlaqqma tal-Galloppa fin-Nigret limiti taż-Żurrieq ċioe' fejn l-għalqa in kwistjoni. Jixhed li hu ġieli jgħin lil Andrew Briffa fix-xogħol tal-għalqa u ġieli anki fix-xogħol tar-razzett, partikolarment meta kien jkollu bżonn l-għajnuna biex iqandel xi affarijiet. Farrugia jixhed li Andrew Briffa qatt ma kien ħalla f'idejh biex jizra u/jew jieħu ħsieb l-għalqa. Jikkonferma li l-għalqa in kwistjoni għandha tlett bibien, tnejn fuq quddiem u wieħed fuq wara li għandu serratura b' mekkaniżmu tal-fildiferru filwaqt li l-oħrajn jingħalqu bil-katnazz. Jispjega li l-fildiferru kien qiegħed hemm sabiex jkun jista' jitħaddem il mekkaniżmu tas-serratura u li dan kien imqaċċat, biss ma setax jikkonferma min

qaċċtu. Dwar il-katnazzi il-ġodda jikkonferma li hu u r-rikorrent ma ppruvawx jiftħuhom peress li ma kellhomx iċ-ċwievet tagħhom.

Rat ukoll l-affidavit tal-intimat **Gordon Cachia** (a fol. 48 tal-proċess) huwa jgħid li l-imsemmija għalqa cioe' dik in kwistjoni, kienet mqabbla lin-nanna ta` missieru Nazzareno sive Reno Cachia. Jixhed li l-Uffiċċju Konġunt irrikonoxxa lil Nazzareno Cachia bħala l-bidwi l-ġdid. Jgħid li jaf li Carmelo Briffa, missier ir-rikorrent Andrew Briffa, kellu aċċess għall-imsemmi raba`. Jistqarr li xi ftit żmien wara li l-Uffiċċju Konġunt irrikonoxxa lil Nazzareno Cachia bħala l-bidwi l-ġdid, ir-rikorrent kien ghaddha kopja taċ-ċavetta tal-katnazz ta` xatba minnhom lill-intimati. Jkompli billi jixhed li nhar it-22 ta` Jannar tas-sena 2022, waqt li kien fl-inħawi ta` l-imsemmija raba` (flimkien ma' martu ċertu Victoria Ann Cachia) ra terza persuna, cioe' lil Edward Cassar jaħdem l-għalqa fejn kien żera l-patata. L-intimat kompla jgħid li huwa kkomunika mar-rikorrent sabiex jistaqsih kif kien kera r-raba` lil terzi. Skont dan l-intimat Andrew Briffa rrispondieh billi qal li dak jarah hu. Jikkonferma li meta kien fuq il-post kien avvicinaħ ċertu Michael Farrugia joffendieh u jheddu. Stqarr li lil Michael Farrugia jafu għax huwa miż-Żurrieq u jaf li dejjem ikun mar-rikorrent. Jgħid li sa minn qabel nhar it-22 ta` Jannar tas-sena 2022 r-raba` in kwestjoni kienet f`idejn Edward Cassar u dan bil-barka tar-rikorrenti li kien taħ aċċess. Fil-fatt skont Gordon Cachia wara nhar it-22 ta` Jannar tas-sena 2022 ir-raba` baqa` f`idejn Edward Cassar li kien kull tant żmien jaċċedi l-istess sabiex jimburga l-patata li kien żera. Jixhed li kien ħaseb li Edward Cassar kien ser jippretendi xi jedd fuq ir-raba` u b`hekk nhar it-08 ta` April tas-sena 2022 Edward Cassar iffirma dikjarazzjoni fejn ikkonferma li ma għandu ebda jedd jew

pretensjoni fuq ir-raba`in kwistjoni. B`hekk wara it-08 ta` April tas-sena 2022 Edward Cassar ħareġ mill-imsemmija raba. Jikkonkludi li minn dak li jaf hu din r-raba` qiegħdha f`idejn r-rikorrent li jħalli lil terzi persuni fosthom   lil Michael Farrugia jaċċedu fiha.

Gordon Cachia xehed in kontro-eżami a fol. 179 *et seq* tal-proċess fejn stqarr li hu ma jaqbilx li nhar it-22 ta` Jannar tas-sena 2022 huwa biddel il-katnazzi għaż-żewġ xatbiet li jagħtu għal ġol-għalqa li jaħdem Andrew Briffa. Hu jaħlef li l-katnazz qatt ma biddlu u li tant hu veru li l-aċċess għadu għand ir-rikorrent Andrew Briffa sal-ġurnata tal-lum. Jikkonferma li r-rapport tal-Pulizija kien sar għaliex Michael Farrugia daħal għalih u dan għaliex waħħlu fih li sakkar l-aċċess tal-għalqa in kwistjoni. Jikkonferma li lil Edward Cassar kien qed jarah kuljum fl-għalqa u li meta tkellem miegħu hu kien qal li l-għalqa kien krieh mingħand Andrew tant hu hekk li kellu c-ċwievet għalhekk kompla billi qal li kien staqsa lil Edward ghal karta tal-identita' tiegħu sabiex konsegwentement iffirma dikjarazzjoni li kien għamlilhom l-avukat.

Il-Qorti rat li l-intimat l-iehor **Nazzareno sive Reno Cachia** fl-affidavit tiegħu (a fol. 88 tal-proċess) ikkonferma l-istqarrija maħlufa ta` ibnu Gordon Cachia b'referenza ghall-paragrafi numru 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 11, 12, 13 u 16.  Huwa xehed ukoll in kontro-eżami a fol. 168 *et seq* tal-proċess fejn stqarr li ma jaqbilx ma dak li kien hemm miktub fil paragrafu 16 ta' Gordon Cachia. Kompla billi qal li Carmelo Briffa missier Andrew Briffa kellu aċċess għall- imsemmi raba' u dan stante li kienet krieta nanntu cioe' Carmela Cachia lil Carmelo Briffa. Jiftakar li fit-22 ta` Jannar tas-sena 2022 inqala inċident li jikkonċerna ir-raba inkwistjoni fejn sostnta li tellgħu it-

tfal tiegħu fosthom l-intimat Gordon Cachia u sabu persuna daħlet fl-għalqa u li dak in-nhar hu kien tela' wkoll wara li nfurmawh. Huwa jinsisti li kien dejjem jħalli f'idejn it-tifel Gordon Cachia u li ma tantx kien jitla' fl-għalqa.

Il-Qorti rat ukoll illi fix-xhieda in eżami (u kontro eżami) ta` **Edward Cassar** a fol. 120 *et seq* tal-proċess huwa ġie mistoqsi dwar l-arranġament li kellu mar-rikorrenti dwar ir-raba', kif ukoll dwar l-istaġun tal-patata u jistqarr li kien jaf lil Andrew Briffa għaliex kien jixtri mil-ħanut tiegħu u darba fost oħrajn Andrew Briffa kien staqsieħ jekk riedx jaħdem l-għalqa għax ma kellux saħħa jaħdimha u kien qabel li jaħdimha hu. Ikompli jixhed kif isegwi:

*'**Dr Luka Durovic :***
*X' taf tgħidilna iżjed fuq dan il-ftehim tagħkom, fuq din ir-raba?*
***Xhud :***
*Xejn just kemm, just kemm hdimtha naqra u u daqshekk. Lanqas kera ma kien izommli.*
*[omossis]*
***Dr Luka Durovic :***
*Issa emm liem' hu l- istagun jekk ghadda*
***Xhud :***
*L- istagun?*
***Dr Luka Durovic :***
*L- istagun*
***Xhud :***
*L- istagun tista' tizra minn Novembru u taqla' f' Marzu*
***Dr Luka Durovic :***
*Sewwa*

***Xhud :***
*Jew fl-ewwel gimgha t' April, tista' tizra f' Dicembru u taqla' f' Mejju, tista' tizra f' Awwissu u taqla' f' Dicembru*
***Dr Luka Durovic :***
*Sewwa*
***Xhud :***
*Dawk huma qisu l- istaguni taghha l- patata*

Mistoqsi min kien jiftaħlu għall-ewwel jixhed li kien jiftaħlu Nazzarenu iżda mbagħad jinduna li kien qed ifixkel l-ismijiet u jikkonferma li hu mqatt ma kellu ċavetta u li kien imur jiftaħlu r-rikorrent Andrew Briffa. Dan jikkonfermah diversi drabi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

**(i)** ***Infra bimestre deduxisse:-***

Illi, minn qari tal-artikolu relattiv għall-ispoll kif ukoll mill-ġurisprudenza kkwotata huwa ċar li t-terminu ta' xahrejn mpost fil-liġi huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni. Fil-fatt dak li jgħodd *ai fini* ta' dekadenza f'kawża ta' spoll mhix in-notifika tal-kawża lill-intimati iżda l-intavolar tal-kawża entro t-terminu tax-xahrejn mill-att spoljattiv.

Illi, fit-termini tal-artikolu 535 (1) u l-ġurisprudenza suesposta l-prova li l-azzjoni ġiet intavolata fi żmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv tinkombi fuq ir-rikorrent.

Illi, mill-provi fl-atti partikolarment mix-xhieda tar-rikorrent u mix-xhieda ta` Michael Farrugia, jirrizulta li huwa minnu li allegat spoll seħħ it-22 ta` Jannar tas-sena 2022 tant hu hekk li sar ukoll rapport mal-Pulizija li dak in-nhar kien seħħ inċident bejn il-partijiet

Illi, da parti tiegħu l-intimat Gordon Cachia in kontro eżami (a fol 180 *et seq*) stqarr li hu qatt ma biddel katnazzi nhar it-22 ta` Jannar tas-sena 2022, filwaqt li l-intimat Nazzareno Cachia in kontro eżami qali li ma kien jaf b`xejn għax dejjem kien iħalli kollox f`idejn it-tifel Gordon Cachia.

Illi, mis-suespost il-Qorti rat li hija rinfaċċata b'żewġ verżjonijiet opposti. Il-Qorti rat iżda li x-xhieda tar-rikorrent u ta' Michael Farrugia hija ferm dettaljata u ma tħalli l-ebda dubju f'moħħ din il-Qorti li l-katnazzi ġew mibdula f'dik il-ġurnata.

Illi, minn naħa l-oħra l-Qorti tqis li l-verżjoni tal-intimati mhijiex waħda veritiera kemm minħabba l-kontradizzjoni fix-xhieda ta` Nazzareno Cachia stess bejn l-affidavit u l-kontro-eżami tiegħu i wkoll minħabba li naqas milli jikkorrobora din il-verżjoni bi provi li kienu pjuttost faċilment ottenibbli li kieku dak li qed isostni kien veru fosthom billi setgħet ittellgħet tixhed l-allegata xhud okulari mart Gordin Cachia. Fin-nuqqas ta' dawn il-provi l-Qorti tqis li l-intimati ma rnexxielhomx jirribattu l-provo sodisfaċenti li ressaq r-rikorrenti dwar il-perjodu meta allegatament seħħ l-att spoljattiv.

Il-Qorti għalhekk temmen li l-atti spoljattiv seħħ nhar it-22 ta` Jannar tas-sena 2022 u la darba l-kawża odjerna ġiet intavolata nhar

l-14 ta` Marzu tas-sena 2022 jirriżulta li l-element tal-*infra bimestre deduxisse* huwa sodisfatt.

Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad dawk il-partijiet tal-eċċezzjonijiet tal-intimati relatati mat-terminu li fih għandha tiġi ntavolata kawża ta` spoll.

**(ii) *Possedisse:-***

Illi, mill-atti jirrizulta ampjament ippruvat li r-rikorrenti kellu l-pussess ta` żewġ katnazzi li kienu jintużaw sabiex l-aċċess għar-raba' jkun limitat għal-terzi, kif ukoll l-aċċess mill-bieb bis-serratura ta` garaxx bil-mekkaniżmu tal-fildiferru. Din is-sitwazzjoni ġiet ippruvata li  kienet ilha eżistenti għal diversi snin u li fil-mument tal-allegat spoll saħansitra ċ-ċwievet taż-żewġ katnazzi kienu f`idejn entrambi r-rikorrent u l-intimati b'dana li entrambi l-partijiet jikkonfermaw dan fix-xhieda tagħhom (ara affidavit a fol 18 u affidavit a fol 48).  Il-Qorti rat li s-sitwazzjoni taż-żewġ katnazzi qabel l-ispoll tidher fir-ritratti a fol. 37, 38 u 39 tal-proċess.  A fol. 40 tidher il-bieba bis-serratura ta` garaxx bil-mekkaniżmu tal-fildiferru fir-ritratt a fol. 40 fejn milli rat il-Qorti dan ir-ritratt ittieħed wara li tneħħiet il-fildiferru li kienet isseri sabiex tinġibed is-serratura minn barra għall-ġewwa u tinfetaħ il-bieba.

Illi, l-Qorti hija tal-fehma li stante li din l-azzjoni hija biss marbuta mal-pussess taċ-ċavetta taż-żewġ katnazzi tax-xatbiet u l-aċċess tal-bieb bil-mekkaniżmu tal-fildiferu tant li r-rikors promotur ma jitkellimx fuq il-pussess tar-raba iżda t-talba hija speċifika sabiex l-intimati *'jirrispristinaw ghall-istatus quo ante l-katnazzi u sokor taż-*

*żewġ (2) xatbiet u bieba tal-fuq imsemmija raba, b'mod illi kollox jerga' għal li kien u dan billi fost oħrajn ineħħu kull katnazz li għamlu, u jirripristinaw is-sokor ta' kull xatba u bieba b'tali mod illi l-attur ikun jista' jkollu aċċess ghall-fond imsemmi.'*

Illi, l-Qorti rat mill-atti li l-intimati ma jikkontestawx l-istat ta' fatt li Andrew Briffa kien fil-pussess taċ-ċavetta taż-żewġ katnazzi tax-xatbiet u kellu aċċess mil-bieb serratura ta` garaxx bil-mekkaniżmu tal-fidiferru, w'għalhekk l-element tal-pussess ġie wkoll sufficjentement pruvat. Fi kwalunkwe każ il-Qorti hija konvinta li l-għalqa kienet qed tinħadem minn Edward Cassar bil-permess u l-kunsens tar-rikorrent li fuq kollox kien jipprovdi l-aċċess għall-għalqa lill-istess Cassar u kien ukoll jieħu parti mill-prodott, għalhekk b'dan il-mod ir-rikorrent kien jeżerċita wkoll pussess fuq l-għalqa. Cassar saħansitra jikkonferma in kontro-eżami li kien hemm dan it-tip ta' ftehim mar-rikorrent ghal tlett snin konsekuttivi.

**(iii) *Spoliatum fuisse:***

Illi dwar dan l-element l-intimati jiċdu li kienu huma li biddlu ċ-ċavetta taż-żewġ katnazzi tax-xatbiet u li ostakolaw l-aċċess mill-bieba. Madanakollu ix-xhud Michael Farrugia jikkonferma u jixhed bl-aktar mod ċar li fit-22 ta` Jannar tas-sena 2022 hu kien għaddej minn ħdejn ir-raba` in kwistjoni, fil-limiti tal-Wardija z-Żurrieq u li x'ħin kien ħdejn ix-xatba bix-xibka (tidher fir-ritratt a fol. 39 tal-proċess) ra lil Gordon Cachia qed jaqla katnazz. In oltre, ghalkemm ir-rikorrent jixhed li hu ma rax lill-intimati jbiddlu l-katnazzi (ghalkemm ra lill-iben Nazzareno Cachia, Ryan inehhi il-fildiferru)

l-Qorti rat li mill-atti gie ppruvat li c-cwievet tal-katnazzi l-qodma kienu biss ghand ir-rikorrent u l-intimati. La darba r-rikorrent certament ma kellu l-ebda raġuni għalfejn hu stess jgħalaq l-aċċess għalih innifsu, isegwi li l-provi cirkostanzjali jwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li kienu l-intimati biss li setgħu kellhom interess li jneħħu l-katnazzi l-qodma (biċ-ċwiet tagħom) u jagħmlu oħrajn ġodda għaliex ma aċċettawx li r-rikorrent daħħal terz jaħdem l-għalqa. Fuq kollox meta Edward Cassar mar biex jaqla l-patata kienu l-intimati li fetħulu allura dawn bilfors kellhom iċ-ċwievet ta' dawn il-katnazzi.

Illi għalkemm ir-rikorrent verament baqa' jagħmel użu mill-għalqa billi kif jixhed, qabeż iċ-ċint u reġa' fetaħ mill-bieba ż-żgħira, sal-lum jirriżulta li hu ma jistax jaċċedi għall-għalqa mix-xatbiet il-kbar inkluż bl-inġenji li ma jgħaddux mill-bieba. L-intimati, bl-aġir tagħhom, naqqsu dawn il-vantaġġi li r-rikorrenti kellu permezz tal-pussess fattwali li kien jgawdi fuq ż-żewġ katnazzi tax-xatbiet u l-bieb bil-mekkaniżmu tal-fildiferru qabel l-ispoll.

Illi, in vista tas-suespost l-Qorti tqis ukoll li l-element tal-*ispoliatum fuisse* huwa sodisfatt.

**Konkluzjoni:**

Illi, la darba rrizulta lil din il-Qorti li r-rikorrenti ssodisfa sal-grad rikjest mil-liġi l-elementi kollha sabiex tirnexxi l-kawża ta' spoll odjerna il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna li l-intimati jirripristinaw l-istatus quo ante kif mitlub.

## Decizjoni

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif isegwi:

1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati;

2) Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tikkonferma li l-aġir tal-intimati jammonta għal spoll *di fronte* tar-rikorrenti, u dan fit-termini ta' l-Artikolu 535 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u għalhekk tikkundanna u tordna lill-intimati sabiex fi żmien xahar minn meta din id-deċiżjoni ssir *res judicata*, jerġgħu jqiegħdu lir-rikorrent, għall-istatus *quo ante* tal-katnazzi u sokor taż-żewġ (2) xatbiet u bieba tal-fuq imsemmija raba' billi jbiddlu ż-żewg katnazzi tax-xatbiet u filwaqt li jżommu ċavetta huma jgħaddu waħda wkoll lir-rikorrent jew jipprovdu ċavetta tal-katnazzi prezenti lir-rikorrent u jerġgħu jagħmlu il-fildiferru mal-bieba ż-żgħira sabiex din tkun tista' tinfetaħ liberament minn barra, dan kollu a spejjeż tal-istess intimati u dan sabiex ir-rikorrent ikollu aċċess liberu u mingħajr ebda limitazzjoni minn kull xatba\bieba għall-għalqa in kwistjoni.

4) Tilqa' t-tielet u raba' talba tar-rikorrent u tordna li in difett li l-intimati jagħmlu dak ordnat lilhom minn din il-Qorti fit-terminu mpost, tawtorizza lir-rikorrent jagħmel hu stess ix-xogħlijiet neċessarji a spejjeż tal-intimati sabiex jirriprendi l-pussess billi jbiddel iż-żewg katnazzi tax-xatbiet u filwaqt li jżomm ċavetta hu jgħaddi waħda wkoll lill-intimati u jerġa'

jagħmel il-fildiferru mal-bieba ż-żgħira sabiex din tkun tista' tinfetaħ liberament minn barra, dan kollu a spejjeż tal-istess intimati. Il-Qorti ma tqisx li sabiex isir dan hemm il-bżonn ta' superviżjoni ta' Perit w'għalhekk tiċħad din il-parti tar-raba' talba.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Frar, 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**27 ta' Frar, 2025**